

15.11.2023

A9-0319/392

Emenda 392
Frédérique Ries
f' isem il-Grupp Renew

Rapport
Frédérique Ries
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

A9-0319/2023

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10a. Sal-valutazzjoni tal-istatus tagħhom mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 10b ta' dan l-Artikolu, dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-imballaġġ tal-injam u għall-imballaġġ tax-xema' koperti mir-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 6 johlq riskju serju ta' projbizzjoni totali fuq ċerti tipi speċifiċi ta' imballaġġ, bħall-imballaġġ tal-injam u x-xema' f'kuntatt mal-ikel, użat b'mod partikolari għal ċerti ġobnijiet Ewropej, li ma għandhomx kanali dedikati. Abbażi tal-eżistenza ta' ksur u tal-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport biex tivvaluta l-possibbiltà li tintroduċi eżenzjoni għal dan it-tip ta' imballaġġ, abbażi ta' att delegat.

15.11.2023

A9-0319/393

Emenda 393

Frédérique Ries

f' isem il-Grupp Renew

Rapport

A9-0319/2023

Frédérique Ries

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 10b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10b. *Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport li jivvaluta l-ħtieġa li jiġu estiżi d-derogi stabbiliti skont il-paragrafu 10a ta' dan l-Artikolu abbażi tal-istat tal-progress xjentifiku u tekniku, id-disponibbiltà tal-infrastruttura tar-riċiklaġġ u valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja ta' forom oħra ta' imballaġġ alternattiv. Abbażi ta' dak ir-rapport, u wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, il-Kummissjoni, sal-31 ta' Diċembru 2030, għandha tadotta att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti għal tali imballaġġ u li jivvaluta l-benefiċċju ambjentali biex tali imballaġġ jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 8.*

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 6 joħloq riskju serju ta' projbizzjoni totali fuq ċerti tipi speċifiċi ta' imballaġġ, bħall-imballaġġ tal-injam u x-xema' f'kuntatt mal-ikel, użat b'mod partikolari għal ċerti ġobnijiet Ewropej, li ma għandhomx kanali dedikati. Abbażi tal-eżistenza ta' ksur u tal-progress tekniku u xjentifiku, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport biex tivvaluta l-possibbiltà li tintroduċi eżenzjoni għal dan it-tip ta' imballaġġ, abbażi ta' att delegat.

15.11.2023

A9-0319/394

Emenda 394
Frédérique Ries
f' isem il-Grupp Renew

Rapport
Frédérique Ries
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

A9-0319/2023

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Meta distributur finali jagħmel disponibbli fis-suq xorb mhux alkoħoliku, bl-eċċezzjoni tal-ħalib, f'imballaġġ għall-bejgħ: (a) għandha jiżgura li, fit-territorju ta' Stat Membru mill-1 ta' Jannar 2030, mill-anqas 20 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid; (b) għandu jkollu l-għan li jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2040, mill-anqas 35 % ta' dawk il-prodotti jitqiegħdu għad-dispożizzjoni f'imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sistema għall-użu mill-ġdid.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bidla li saret fl-emenda 200 tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat ENVI peress li t-test tal-Kummissjoni jeżenta b'mod ċar il-ħalib mill-miri tal-użu mill-ġdid għax-xorb mhux alkoħoliku (il-paragrafu 6 tal-Artikolu 26).

Emenda 395**Frédérique Ries**

f' isem il-Grupp Renew

Rapport**A9-0319/2023****Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

Proposta għal regolament**Artikolu 26 – paragrafu 17***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

17. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 8 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina s-sitwazzjoni rigward l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ **u, fuq din il-bażi**, tivvaluta ***l-adeqwatezza tal-istabbiliment ta' miżuri, tirrieżamina*** l-miri stabbiliti f'dan l-Artikolu, u tistabbilixxi l-miri ġodda għall-użu ***u għall-mili*** mill-ġdid tal-imballaġġ, ***u meta meħtieġ, tippreżenta proposta leġiżlattiva.***

17. Sa [OP: Jekk jogħġbok daħħal id-data = 8 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tirrieżamina s-sitwazzjoni rigward l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ. ***Meta tivvaluta l-impatt tal-miri tal-użu mill-ġdid tal-imballaġġ, il-Kummissjoni għandha mill-anqas tevalwa t-tnaqqis tal-iskart mill-imballaġġ miksub mill-miri tal-użu mill-ġdid tal-2030, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂, it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, it-tnaqqis tal-volumi tal-materja prima verġni użata, l-użu tal-ilma u tal-enerġija, il-kontaminazzjoni tal-ilma u l-użu tad-deterġenti u d-diżinfettanti abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja indipendenti u rieżaminati mill-pari. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll l-iżvilupp tal-iskart mill-imballaġġ tal-kartun u l-impatti ambjentali tiegħu u l-effetti ta' sostituzzjoni tal-materjali li jistgħu jseħħu minħabba eżenzjonijiet materjali fl-Artikolu 22, flimkien mal-Anness V, u minħabba l-Artikolu 26(7), (10), (12) u (13). Fuq il-bażi ta' dak ir-rieżami, il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva: (a) li timmodifika jew tikkonferma l-miri 2040 stabbiliti f'dan l-Artikolu, u (b), jekk ikun meħtieġ, tistabbilixxi l-miri ġodda għall-użu mill-ġdid f'setturi oħra u għal formati u materjali oħra tal-imballaġġ.***

Ġustifikazzjoni

Żieda tal-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja.

15.11.2023

A9-0319/396

Emenda 396
Frédérique Ries
f' isem il-Grupp Renew

Rapport
Frédérique Ries
L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

A9-0319/2023

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6a. *L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-operaturi ekonomiċi mill-obbligu skont il-paragrafi 3a, il-punt (a), u 3b, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu meta r-rata ta' riċiklaġġ kif irrapportata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 50(2), il-punt (c), tkun ogħla minn 85 % skont il-piż ta' tali materjal tal-imballaġġ introdott fis-suq ta' dak l-Istat Membru fis-snin kalendarji 2026 u 2027.*

Meta tali rapportar juri li r-rata ta' riċiklaġġ tal-materjal tal-imballaġġ rispettiv tkun inqas minn 85 %, l-Istat Membru għandu jippreżenta pjan ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni li juri strateġija b'azzjonijiet konkreti, inkluża skeda ta' żmien, li jiżguraw il-kisba tar-rata ta' riċiklaġġ ta' 85 % skont il-piż tal-materjal tal-imballaġġ rispettiv fi żmien sentejn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Irridu noffru klawżola ta' flessibilità għall-operaturi ekonomiċi li jiksbu livell għoli ta' riċiklaġġ u li ma jkollhomx għalfejn jikkonformaw mal-obbligi tal-użu mill-ġdid. Fl-istess ħin b'din l-hekk imsejħa "klawżola ta' salvagwardja" nistgħu niżguraw li sistema tad-DRS adatta għar-riċiklaġġ, bħal dawk fis-seħħ fil-pajjiżi Nordiċi tiġi ppreservata bis-sħiħ.

AM\1290517MT.docx

PE754.376v01-00